# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# ONOR. MHALLEF

# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 14 ta' Mejju 2018**

**Rikors Numru: 275/2018 JPG**

**Kawza Numru: 16**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru nru: 381/2018 LSO**

**HSJ Limited (C-80817)**

**Vs**

**S.I.T Swimpool Innovation Technologies Limited (C-70874)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' S.I.T Swimpool Innovation Technologies Limited (C-70874) datat 26 ta' Marzu 2018 a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*Illi dan huwa rikors ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 381/2018;*

*Illi s-socjeta' sekwestrata S.I.T. Swimpool Innovation Technologies Limited dahlet f'kuntratt t'appalt mas-socjeta' sekwestranti HSJ Limited datat tmintax (18) ta' Dicembru elfejn u sbatax (2017) (Hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A');*

*Illi permezz ta' dan il-kuntratt s-socjeta' sekwestrata obbligat ruhha illi tesegwixxi xogholijiet versu s-socjeta' sekwestranti ghall-hlas ta' tmienja u erbghin elf Euro (€48,000) li s-sekwestranti obbligat ruhha li thallas lill-esponenti ghax-xogholijiet esegwiti u materjal ipprovdut;*

*Illi ghalkemm l-esponenti esegwit parti mix-xogholijiet in kwistjoni, hija kellha tieqaf mix-xogholijiet taghha hesrem minhabba li s-socjeta' sekwestranti naqset milli taghmel il-pagamenti dovuti ghax-xogholijiet esegwiti u materjal ipprovdut li jammontaw ghal circa sitta u ghoxrin elf (€26000);*

*Illi interpellata mis-socjeta' esponenti sabiex thallas dawn l-ammonti, is-socjeta' sekwestranti baqghet inadempjenti. Sahansitra, is-socjeta' esponenti intavolat zewg ittri ufficjali taht Artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ittri ghadhom ma gewx notifikati lis-socjeta' sekwestranti (Ara kopji tal-ittri ufficjali hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'B' u Dok. 'C');*

*Illi matul dan kollu, l-esponenti giet notifikata b'dan il-mandat ta' sekwestru ghall-ammont ta' mija u hamsin elf Euro (€150,000) intavolat mis-socjeta' sekwestranti;*

*Illi dan l-ammont qatt ma jista' jigi gustifikat in vista tal-fatt illi kif jixhed il-kuntratt t'appalt hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A', l-esponenti ma thallsitx ghall-ammonti ta' madwar €26,000 ghall-parti mix-xogholijiet esegwiti minnha. Kif inhu possibli allura li s-socjeta' sekwestranti taghmel mandat fl-ammont ta' €150,000 meta dawn ix-xogholijiet esegwiti u materjal pprovdut (li l-esponenti ma thallsitx taghhom) huma fl-ammont ta' ftit iktar minn €26000?;*

*Illi ghalhekk johrog bic-car illi dan il-mandat mitlub mis-socjeta' sekwestranti huwa wiehed eccessiv bl-intenzjoni li jkisser u jhalli impatti serji fuq is-socjeta' esponenti. Filfatt, l-effetti ta' dan il-mandat m'huma jaghmlu xejn ghajr hsara finanzjarja detrimentali lis-socjeta' esponenti li ghandha biss kont bankarju wiehed gewwa Malta u*

*ghalhekk ma tistax topera kif tixtieq minhabba dan il-mandat li lanqas biss huwa gustifikat!;*

*Illi konsegwentament it-talba ghal hrug ta' mandat ta' sekwestru hija wahda manifestament malizjuza, frivola u vessatorja u dan ai termini ta' l-artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

***Illi ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponenti qieghdha umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:***

i. ***Tirrevoka contrario imperio il-mandat ta' sekwestru akkordat nhar is-sebgha (7) ta' Marzu elfejn u tmintax (2018) abbazi li l-ammont mitlub huwa prima facie eccessiv u mhux gustifikat ai termini ta' Artikolu 836(1)(d) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u***

ii. ***Tordna lis-socjeta' sekwestranti sabiex thallas l-penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) peress illi t-talba tar-rikorrent saret b'malizzja u hija frivola u vessatorja ai termini ta' Artikolu 836(8)(d) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u***

iii. ***Tikkundanna lis-socjeta' sekwestranti sabiex thallas id-danni sofferti mis-socjeta' esponenti ai termini ta' Artikolu 836(8) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u fl-eventwalita' li ma tilqax it-talba ghat-thassir ta' dan il-mandat,***

iv. ***Tordna lis-socjeta' sekwestranti sabiex taghti garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali u/jew ta' danni u imgħax ai termini ta' Artikolu 838A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta***

***u dan salv kull provvediment iehor illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.***

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat in nota fl-atti tal-mandat ta' S.I.T Swimpool Innovation Technologies Limited (C-70874) datata 19 ta' April 2018, a fol 16 li taqra hekk:

> *Illi in sostenn tat-talba taghha rigward l-eccessivita' ta dan il-mandat, is-socjeta' esponenti permezz ta' din in-nota qieghdha tesebixxi kopja tar-rikors guramentat bin-numru 265/2018 JPG,hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A', u tirrileva illi s-socjeta attrici fethet kawza da liquidarsi kontra yaghha u mhux wahda b'ammont specifiku. Li kieku stess l-ammont ta' €150,000 sekwestrati permezz ta' dan il-mandat kien b'xi m od gustifikabbli u dovut, is-socjeta' attrici messha fethet kawza fejn talbet il-likwidazzjoni tal-istess u mhux wahda fejn il-valur mhux specifikat.*

Rat ir-risposta tas-socjeta' HSJ Limited (C-80817) datat 25 ta' April 2018, a fol 23 et seqq li taqra hekk:

> *Illi s-socjet' rikorrenti qieghda titlob ir-revoka tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru odjern ai termini tal-Art 836(1)(d) tal-Kap 12;*
>
> *Illi preliminarjament, huwa car l-ilment tas-socjeta' rikorrenti huwa biss dwar l-eccessivita' tal-mandat kawtelatorju odjern, allura huwa naturali illi t-talba kellha, u ghandha, tkun ghal revoka* ***parzjali, u mhux totali,*** *tas-sekwestru. Fuq dan il-punt, jigi rilevat ukoll illi s-socjeta' rikorrenti fl-ebda waqt fir-rikors taghha ma hija qed tallega illi s-sekwestru kawtelatorju per se mhux gustifikat, izda sempliciment illi fil-fehma taghha, l-ammont huwa eccessiv. Illi huwa car ghalhekk illi l-ewwel talba tas-socjeta' rikorrenti ghandha tigi interpretata f'sens ta' tnaqqis fl-ammont kawtelat permezz tas-sekwestru kawtelatorju odjern, u mhux ghar-revoka totali tal-istess;*
>
> *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz, it-talba tas-socjeta' rikorrenti m'ghandha tigi qatt milqugha stante illi mhuwiex minnu li s-sekwestru odjern huwa wiehed eccessiv.*

*Illi fil-mori tal-kawza prezentata mis-socjeta' esponenti fl-ismijiet premessi, ser ikunu qeghdin jitresqu provi illi mhux biss jiggustifikaw l-ammont kawtelat b'dan is-sekwestru, izda sahansitra jikkonfermaw kif d-danni sofferti mis-socjeta' esponenti fil-fatt jeccedu dan l-ammont, u dan minhabba illi l-hsarat fix-xogholijiet imwettqa mis-socjeta' rikorrenti ghadhom qeghdin jigu zvelati sal-lum il-gurnata. Kien b'sens ta' umilta' pero, illi s-socjeta' esponenti illimitat is-sekwestru odjern sal-ammont ta' Danni li hija kienet f'pozizzjoni li tillikwida sad-data tal-prezentazzjoni tal-istess sekwestru;*

*Illi bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' rikorrenti ma ressqet ebda provi illi s-sekwestru kawtelatorju odjern,* ***almenu fuq bazi prima facie,*** *huwa eccessiv. L-oneru tal-prova f'dan il-kaz huwa tal-parti li tkun qieghda titlob ir-revoka ta' kwalunkwe mandate kawtelatorju, u mhux tal-parti li ktun ottjeniet il-hrug tas-sekwestru, u dank if inhu mitlub mill-Art 836(2) tal-Kap 12 Ligijiet ta' Malta*

*Illi dwar dan il-punt il-Qrati taghna ppronuncjaw ruhhom diversi drabi, fosthom permezz tas-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti, diversement presjeduta, datata l-5 ta' Frar 2015 fl-ismijiet More Supermarkets (Hamrun) Limited (C-57252) et vs Alexander Farrugia (ID 99676M) et (Rik Nru 1046/2014), fejn intqal:*

> *Tqis illi r-rikorrent ma gab ebda prova, imqar wahda prima facie, li l-ammont mitlub li jigi kkawtelat bil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mhuwiex gustifikat jew li fic-cirkostanzi ma jkunx ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*
>
> *Tqis illi r-rikors huwa pjuttost xott u lakoniku f'dan ir-rigward ghax ma jinvoka l-ebda dispozizzjoni partikolari tal-ligi li abbazi taghha qieghda tintalab ir-revoka tal-Mandat u jghid biss illi " l-allegazzjonijiet ta' Danni sofferti mill-intimati (recte) huma bla bazi legali". Certament din hija kwistjoni li tista' tigi derterminata biss fil-kawza propja bejn ilkontendenti dwar il-mertu.*
>
> ***Tqis illi l-Artikolu 836(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmel car illi "il-persuna li taghmel ir-rikors skont is-subartikolu [836](1) ghandha flimkien mar-rikors, tipprezenta bil-miktub is-sottomissjonijiet kollha li tkun trid taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu t-talba li tkun trid tipprezenta." Ir-***

***rikorrenti m'ghamel xejn minn dan hlief li qieghed jghid li l-allegazzjoni ta' Danni sofferti mill-intimati hija bla bazi legali u ma jistax wiehed jaqbad u jaghmel mandat u allegazzjoni ta' danni ta' ammont daqshekk sostanzjali u jigi milqugh.***

*Tqis illi l-kwistjoni dwar jekk il-pretensjonijiet tas-socjetajiet intimati kif dedotti fir-Rikors Mahluf Nru. 1001/14 LM mhumiex bla bazi legali jew le, hija kwistjoni li tista' tigi determinate biss fil-kawza dwar il-mertu u mhux f'dan l-ezami preliminari mad-daqqa t'ghajn li qieghed issir skont din il-procedura ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

***Tqis illi fir-rigward tal-proceduri li jsiru ai termini tal-imsemmi Artikolu 836 tal-Kap.12, il-Qorti kemm-il darba ghamlitha cara illi hija b'ebda mod ma ghandha tidhol fil-fond tal-0vertenza ghaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati taghna, l-procedura mahsuba fl-Artikolu 836 ghandha tkun wahda sommarja, u l-ezami taghha ghandu jkun biss ta' prima facie*[1]*.** Dan qalitu din il-Qorti fil-kawza "**Camilleri vs Gove' et**" deciza fl-10 ta' Mejju 2001 b'dawn il-kliem:*

> ***"mid-dispozizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku ezami lit rid taghmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami lit rid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan a tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu final ital-kawza proprja."***[2]

***Tqis illi fl-ambitu tal-ezami prima facie li jrid isir minn din il-Qorti skont din il-procedura sabiex jigi accertat jekk l-ammont mitlub li jigi kkawtelat bil-Mandat huwiex gustifikat jew le, ikun xi jkun l-ezitu ta' dan l-ezami prima facie, huma milqugha, dan bl-ebda mod ma jincidi fuq l-ezitu tal-kawza dwar il-mertu.***

***...Ezami prima facie huwa wiehed preliminari, mhux fil-fond u jirreferi ghal dak li jirrizulta mad-daqqa ta' ghajn.*** *(enfasi mizjud)*

---

[1] J.**V&S. Developments Limited (C-28790) vs Scala Developments Limited**, PA deciza 9 ta' Jannar, 2012
[2] Issir referenza ukoll ghas-sentenza **Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**, Pa deciza fil-5 ta' Gunju 2003

*Illi fil-kaz odjern, huwa evidenti illi s-socjeta' rikorrenti ressqet ebda prova in sostenn tat-talba taghha, u ddecidiet minflok li tistrieh fuq il-fatt illi l-ammont kawtelat permezz ta' dan is-sekwestru jeccedi l-valur talkuntratt t'appalt ta' bejn il-partijiet. B'kull rispett lejn ir-rikorrenti, il-fatt illi l-valur tas-sekwestru huwa eccessiv, u dan peress illi ,kif diga ritenut iktar 'il fuq f'din ir-risposta, ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza illi d-danni sofferti mis-socjeta' esponenti jeccedu bil-bosta l-valur tal-kuntratt ta' appalt.*

*Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq premessi, is-socjta' esponenti tirrileva illi l-mandat kawtelatorju taghha huwa wiehed gust u li ghandu jibqa fis-sehh fl-intier tieghu, u ghalhekk jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrentifl-intier taghha.*

*Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra l-istess rikorrenti.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni mill-partijiet;

**Ikkonsidarat:**

**Giuliano Cimmino** xehed illi huwa jokkupa l-kariga ta' direttur fi hdan is-socjeta HSJ Limited u kkonferma li l-istess socjeta kienet tat zewg kuntratti t'appalt lis-socjeta S.I.T Swimpool Innovations Technologies Ltd, li wiehed kellha l-valur ta' circa €25,000 u l-iehor kellu valu ta' circa €48,000. Xehed illi d-danni subiti minn HSJ Limited jammontaw ghal aktar minn €150,000, u huma derivanti mill-abbandun da parti tas-socjeta sekwestrata tax-xogholijiet in kwistjoni wara li kienet lestiet biss circa 30% tax-xoghol li kellu jsir. Rigward x'inhuma d-danni, spjega illi s-socjeta sekwestrata kellha tizvolgi xoghol t'impjantistika u opri ta' installazzjoni ta' elettriku, kif ukoll tfornixxi materjal, u peress illi abbandunat l-appalt kellhom isibu kumpaniji ohra sabiex ilestu x-xoghol originali, li wassal ghalhekk ukoll sabiex is-socjeta sekwestranta kellha thallas ghal xi materjal ghal xejn. Zied li peress li z-zmienijiet kienu qosra ma kellhomx bizejjed hin biex jinnegozjaw u jippategjaw termini vantagguzi ghat-tlestijiet tax-xogholijiet li

kellhom isiru, u ghalhell mill-analizi preliminari li ghamlet is-socjeta sekwestranti waslu ghal konkluzjoni li d-dannu subit kien ta' madwar €200,000 jew mhux aktar.

**Marco Illuzzi** xehed illi s-socjeta sekwestrata kienet giet ikkommisjonata mis-socjeta sekwestranti sabiex tesegwixxi xogholijiet fuq hitan, bil-valur ta' €48,000 eskluz il-VAT, u ta' dawl u ilma bil-valur ta' €25,000 eskluz il-VAT. Xehed illi bejn il-partijiet kienet qamet disputa peress illi s-socjeta sekwestranti ma kienetx ghamlet il-pagamenti skont kif dovuti. Spjega li 30% tal-ammont dovut kellu jithallas mal-iffirmat tal-kuntratt t'appalt, 30% ohra kellhom jithallsu fl-10 ta' Jannar, 30% ohra fit-30 ta' Jannar u l-ahhar 10% meta x-xogholijiet jigu konkluzi. Qal illi sal-10 ta' Frar 2018 is-socjeta sekwestrata kienet ghada rcievet biss minghand is-socjeta sekwestranti il-pagament li kien dovut mal-iffirmar tal-kuntratt u nofs il-pagament li kellu jsir fl-10 ta' Jannar 2018, meta sa dak iz-zmien kienu lahqu lestew 70% mix-xoghol li kellu jsir. Xehed li ghalhekk is-socjeta sekwestrata kienet waqfet tahdem ix-xoghol miftiehem peress illi ma setghatx thallas lil haddiema taghha galadarba ma kienetx qed tigi mhallsa. Rigward l-allegazjoni li x-xoghol sar hazin xehed illi s-socjeta sekwestranti baqghat tuza t-teknici provduti minnha anke wara li s-socjeta sekwestrata ma baqghatx tahdem. Rigward l-ilment tas-socjeta sekwestranti relatat ma' pjattaforma li kellha terga ssir xehed illi il-problemi ta' dhul ta' ilma m'ghandhomx x'jaqsmu max-xoghol li ghamlet is-socjeta sekwestrata, izda ma xoghol li ghamel haddiehor.

**Ikkonsidrat;**

Ir-revoka ta' dan il-mandat qed tintalab a bazi tal-Artikolu 836(1) (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-**Artikolu 836 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi li:-

> ***"836. (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:***

***(a) Omisses;***

***(b) Omisses***

***(c) Omisses;***

***(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew***

***(e) Omisses***

***(f) Omisses***

Qabel ma tezamina, l-kawzali fuq indikat, din il-Qorti sejra isemmi uhud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar ir-revoka ta' Mandati Kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta' Mandati Kawtelatorji **fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed *prima facie***. Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** tas-**26 t`April 2002** per **Onor Imhallef Dr. G. Camilleri** intqal hekk:-

> *"Skond l-**artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12 jista' jigi revokat <u>jekk jintwera</u>** li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

Illi fid-digriet fl-ismijiet **"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** tal-**10 ta' Mejju 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** , u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad ukoll

> *"li mid-dispozizzjoni tal-istess* **Artikolu 836** *jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **"Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti"** tas- **27 ta' Gunju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad:-

> ***"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)"***

Vide ukoll **("Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian**" –tat-**30 ta ` Mejju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace**) kif ukoll "**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**" tas-**16 ta` Settembru 2002** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia**).

Is-sekwestrata talbet illi l-mandat in kwistjoni jigi rrevokat ai termini tal-artikolu 836 (1) (d) u (f)tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, kif gie osservat fid-decizjoni fl-ismijiet **Therese Mangion Galea v. Desmond Stanley Stewart**, deciza minn din l-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Lulju 2005, il-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' Mandat kawtelatorju taht din il-kawzali [l-Artikolu 836(1)(d)] huwa wiehed li jorbot il-kawzali ta' l-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah il-'*fumus juris*' tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx

biex 'jillikwida' tali pretensjoni f'somma li taqbel ma' l-ammont minnu mahluf fil-Mandat. Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li **d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mfixkel jew imwarrab b'leggerezza**, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti.

Il-Qorti rat illi skont ix-xhieda prodotti, l-ammont ta' danni li gie kawtelat permezz tal-mandat kawtelatorju in kwistjoni huwa bbazat fuq allegati danni subiti mis-socjeta sekwestranta minhabba l-fatt illi s-socjeta sekwestrata abbandunat l-appalt li kien gie moghti lilha mis-socjeta sekwestranti. Skont ix-xhieda prodotti, id-danni subiti kienu jikkonsistu fil-fatt illi ma kellhomx bizejjed zmien biex ikunu jistghu jinnegozjaw prezzijiet ahjar ma' appaltaturi ohra biex ix-xoghol jitlesta fil-hin, u ghaliex kellhom ihallsu xi materjali darbtejn, jew ghalxejn.

Jirrizulta, u mhux kontestat illi s-socjeta sekwestranti kienet diga ghamlet xi pagamenti akkont tal-ammont totali li kellu jkun dovut, liema ammont lanqas ma hu ikkontestat. Jirrizulta u mhux kontestat ukoll illi s-socjeta sekwestrata kienet diga lestiet parti mill-appalt li gie moghti lilha, ghalkemm hu kkontestat kemm hu l-ammont ta' xoghol li lahaq tlesta.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk, ghalkemm jirrizulta *prima facie* li s-socjeta sekwestranti ghandha dritt x'titutela, ikkonsidrat li m'hemmx kontestazzjoni li s-socjeta sekwestrata abbandunat l-appalt, l-ammont kawtelat minnha huwa eccessiv ferm. Dan ikkonsidrat illi l-ammont li gie kawtelat huwa **circa d-doppju tal-valur globali tal-appalt**. Il-Qorti rat illi mill-provi jirrizulta illi s-socjeta sekwestranti lahqet hallset circa 45% mill-valur tal-appalt, u tqis illi l-ammont li ghandu jigi kawtelat ghandu jkun **fuq ir-rimanenti valur tal-appalt, u cioe fuq l-ammont ta' €40,150.**

**Ghaldaqstant din it-talba qed tigi milqugha, u l-ammont kawtelat qed jigi ridott ghall-ammont ta' erbghin elf u mija u hamsin ewro (€40,150).**

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta sekwestrata qed titlob ukoll illi jigu mposti fuq is-socjeta sekwestranta penali ai termini tal-Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-talba ghall-penali taht l-Artikolu 836(8) hija sanzjoni fakoltativa imholliha fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti wara li jintwera ghas-sodisfazzjoni taghha, li sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsuba mill-ligi ghall-impozizzjoni tal-istess sanzjoni, u cioe' is-subincizi (a) sa (d), tal-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.[3] L-Artikolu 836(8) tal-Kapitoli 12 huwa ta' ordni pubblika bl-iskop li jigi assikurat is-serjeta tal-process gudizzjarju u sabiex l-istitut ta' mandati kawtelatorji ma jigix uzat abbusivament.[4]

Ghalhekk il-Qorti tkun tenuta li timponi dawn il-penali biss fejn jirrizultaw l-estremi indikati mill-ligi, u cioe:-

> *(a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;*
> *(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed: Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;*
> *(ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;*
> *(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*

Fir-rigward tas-sub-inciz (d) intqal illi l-buona fede hija prezunta u l-hazen irid jigi provat.[5] Ghalhekk min jissoleva l-malizja u l-frivolita jehtieg illi jipprovahom.[6]

---

[3] **Av. Ann Fenech noe vs Il-Bastiment MY Whispering Angel**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 5 ta' Gunju 2015.
[4] **Joseph Tabone vs Capece Construction Limited**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 14 ta' Awissu 2013; **Carmel Farrugia et vs Charmaine Farrugia noe et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 2 ta' Awissu 2012; **Cole Foods Limited vs Euro Imports Limited,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 13 ta' Marzu 2003; **Joseph Rapa vs Raymond Sammut**, Qorti tal-Appell Civili, deciza 13 ta' Marzu 2001.
[5] **Av. Ann Fenech noe vs Il-Bastiment MY Whispering Angel**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 5 ta' Gunju 2015.
[6] **Dolores sive Doreen Vella vs Peter Paul Vella noe et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 25 ta' Gunju 2014.

Il-Qorti rat illi mhux kontestat illi s-socjeta sekwestrata kienet abbandunat l-appalt moghti lilha mis-socjeta sekwestranti; **hija r-raguni ghal dan l-abbandun li hija kkontestata**. Il-Qorti ghalhekk tqis illi ghalkemm huwa minnu li l-ammont kawtelat kien eccessiv, ma giex sufficjentement provat in-nuqqas ta' *buona fede* da parti tas-socjeta sekwestranti, li kif diga intqal huwa fuq, jidher li almenu fuq bazi ta' *prima facie* kienet gustifikata li tirrikorri ghal din il-procedura sabiex tikkawtela l-pretensjoni taghha.

Ghaldaqstant din it-talba qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta sekwestrata talbet ukoll lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta sekwestranti thallas id-danni sofferti mis-socjeta' esponenti ai termini ta' Artikolu 836(8) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Il-Qorti tibda billi tirileva illi huwa car illi s-socjeta sekwestrata qed tibbaza din it-talba taghha fuq is-sub-artikolu (9) tal-Artikolu 836, u mhux is-sub-artikolu (8) kif citat minnha fir-rikors taghha.

Wara li rat l-atti kollha, il-Qorti tqis illi din it-talba tas-socjeta sekwestrata ma tistghax tigi milqugha, u dan billi s-socjeta sekwestrata ma resqitx provi ghal kwantifikazzjoni tad-danni, u filfatt lanqas biss resqet prova li sofriet xi dannu. Fl-assenza ta' tali provi, il-Qorti ma tistghax tilqa' din it-talba.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta sekwestrata talbet ukoll illi fil-kaz li dan il-mandat ma jigix revokat, il-Qorti timponi l-hlas ta' garanzija fuq is-socjeta sekwestranti.

Kif inghad fis-sentenza **Zarb vs Port Cottonera Limited** deciza fit-18 ta' Settembru 2002:

> **"[i]*l-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hija li ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabbilta' ghad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbuzat u jkun ezercitat fil-limiti permessibili mil-ligi.*"**

Intqal ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Darmanin vs Cachia et** deciza fil-31 ta' Lulju 2007

illi:

> ***"…minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Lanqas ma jidher li huwa biżżejjed biex jikkostitwixxi "kawża ġusta" għall-finijiet tal-artikolu 838A il-fatt li persuna li kontriha jkun inħareġ Mandat kawtelatorju tkun qegħda ġġarrab danni minħabba dak il-Mandat. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal- Kodiċi Ċivili."***

Il-Qorti tqis illi fil-kaz in ezami ma ntwerietx kawza gusta ghall-imposizzjoni tal-garanzija il-ghaliex ma tressqux ragunijiet serji u impellanti illi jinducu lil din il-Qorti tordna is-sanzjonijiet mitluba u dana il-ghaliex minkejja illi l-mandat kien eccessiv ma jidhirx illi dan sar b'xi malizja u b'abbuz tal-proceduri legali.

**Ghal dan il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi filli filwaqt li tichad it-tieni, t-tielet talba, u r-raba' talba tilqa' limitatament l-ewwel talba tas-socjeta sekwestrata u tirriduci l-ammont kawtelat permezz tal-mandat ta' sekwestru akkordat nhar is-sebgha (7) ta' Marzu elfejn u tmintax (2018) ghas-somma ta' erbghin elf u mija u hamsin ewro (€40,150).**

**L-ispejjez ghandhom jithallsu in kwantu ghal 75% mis-socjeta sekwestranti u 25% mis-socjeta sekwestrata.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**